

Brussell, 10 ta' April 2026
(OR. en)

7616/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0226 (COD)

CODEC 511
AGRI 205
AGRILEG 62
ENV 268

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 43, 114 u 168(4)(b) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2023².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' April 2024³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024⁴.

¹ 11592/23 + ADD 1 sa 5.

² ĠU C, C/2024/893, 6.2.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/893/oj>.

³ OJ C, C/2024/3674, 26.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/3674/oj>.

⁴ 10952/24.

5. Fid-19 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar ir-Regolament⁵ imsemmi hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
6. Fil-5 ta' Frar 2026, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju. Sussegwentement, il-President tiegħu baġhat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁶.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 17037/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 17037/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Kroazja, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u l-Belġju jastjeni.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

⁵ 16659/25.

⁶ 6131/26.